MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 477/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**vs**

**Bay Catering Co Ltd (C-39785)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Gunju 2009, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,203.72c (elf, mitejn u tlett euro u tnejn u sebghin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 1018727 ghal servizzi rezi fix-xhur ta bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 30 ta' Marzu 2009 u ta' mandat ta sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghax legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ Euro1,203.72c (elf, mitejn u tlett euro u tnejn u sebghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------